MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2007

Citazzjoni Numru. 66/2007

**MIRA MOTORS SALES LTD.**

**vs**

**Christopher BARTOLO u Mary Grace Bartolo**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors maħluf imressaq fid-19 ta' Jannar, 2007 bil-proċedura sommarja speċjali li bih is-soċjeta' rikorrenti ppremettiet;

1. Illi peress li s-soċjeta' rikorrenti biegħet lil konvenut b'kuntratt ta' *hire purchase* li qed jiġi esebit bħal Dok. A datat 28 ta' Lulju, 1995 karozza Vauxhall Corsa bil-prezz ta' ħamest elef u erba' mitt Lira (Lm5,400) li kellhom jitħalsu permezz ta' pagamenti mensili ta' mija u għaxar Liri u disgħin ċenteżmu u żewġ milleżmi (Lm110.91,2) bl-interessi kif stipulati fl-istess kuntratt;

2. Illi peress li l-klawsola Nru. 8 ta' l-istess kuntratt tistipula li jekk l-intimat ma jħallasx żewġ pagamenti konsekuttivi jew ammont ekwivalenti, s-soċjeta' rikorrenti ikollha dritt li titlob l-ammont kollu dovut f'daqqa;

3. Illi peress li l-intimat ma ħallasx aktar minn żewġ pagamenti u għalhekk tilef kull benefiċju tat-terminu;

4. Illi peress li l-intimat għalhekk għandu jgħati lis-soċjeta' rikorrenti l-ammont komplessiv ta' ħamest elef, seba' mija u sitta u erbgħin Lira Maltija, tlett ċenteżmi u tlett milleżmi (Lm5,746.03,3) li jikkomprendi l-bilanċ tal-prezz kif ukoll l-interessi relattivi akkumulati sas-16 ta' Novembru, 2006 u dan skond kif jirriżulta mill-prospett anness Dokument B;

5. Illi peress li dan il-kreditu huwa ċert, likwidu u dovut u l-intimat m'għandu l-ebda eċċezzjoni x'jagħti

Talbet lil din il-Qorti biex:

1. Tipproċedi għas-sentenza skond it-talba attriċi bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża ai termini tal-artikoli 167 *et sequitur* tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.

2. Tiddikjara lill-intimat debitur tas-soċjeta' rikorrenti fl-ammont komplessiv ta' ħamest elef, seba' mija u sitta u erbgħin Liri Maltin tlett ċenteżmi u tlett milleżmi (Lm5,746.03,3) li jikkomprendi l-bilanċ tal-prezz tal-karozza msemmija, kif ukoll l-interess relattiv akkumulati sas-16 ta' Novembru, 2006, skond il-prospett Dok. B.

3. Tikkundanna lill-intimat iħallas lis-soċjeta' rikorrenti l-ammont komplessiv ta' ħamest elef, seba' mija u sitta u erbgħin Liri Maltin tlett ċenteżmi u tlett milleżmi (Lm5,746.03,3), bilanċ tal-prezz tal-karozza msemmija kif ukoll l-interessi relattivi akkumulati sas-16 ta' Novembru, 2006 u dan kif jirriżulta mill-prospett Dok. B;

Bl-ispejjeż kontra l-intimat li huwa mħarrek għas-subizzjoni u bl-imgħaxijiet ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

Rat illi r-rikors ġiet debitament notifikata lill-intimati kemm bil-mezz ordinarju fil-każ tal-intimat Christopher Bartolo u kif ukoll kif mitlub fl-artiklu 187(3) tal-Kap. 12, fil-każ tal-intimata Mary Grace Bartolo, li madankollu naqsu li jippreżentaw risposta fiż-żmien mogħti lilhom mil-Liġi u hekk baqgħu kontumaċi peress li naqsu li jidhru għall-kawża kull meta ssejħet;

Semgħet ix-xhieda tar-rappreżentant tas-soċjeta’ rikorrenti;

Semgħet l-Avukat tas-soċjeta’ rikorrenti;

Eżaminat l-atti tar-rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba dedotta fir-rikors tirriżulta pruvata u ma ġiet bl-ebda mod kontradetta;

Fil-kontumaċja tal-intimati tiddeċiedi billi **tilqa’ t-talbiet** tas-soċjeta’ rikorrenti kif dedotti fir-Rikors bl-ispejjeż kontra l-intimati flimkien u solidalment bejniethom u bl-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma ta’ Lm5746.03 li għandhom jibdew jgħaddu b’effett mis-17 ta’ Novembru, 2006, sal-jum tal-ħlas effettiv.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------